C/2024/5141

16.8.2024

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11659 – BNPP CARDIF / NEUFLIZE VIE)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/5141)

1. Fis-7 ta' Awwissu 2024, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— BNP Paribas Cardif S.A. ("BNPP Cardif" jew "l-Akkwirent", Franza), ikkontrollata minn BNP Paribas S.A.,

— Neuflise Vie S.A ("Neuflise Vie" jew "il-Mira", Franza), ikkontrollata b'mod konġunt minn ABN Amro Bank N.V. u l-AXA Group.

BNPP Cardif se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Neuflize Vie kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Il-BNPP Cardif ifassal, jiżviluppa u jikkummerċjalizza offerti ta' tfaddil u protezzjoni biex jassigura lin-nies, il-proġetti tagħhom u l-assi tagħhom,

— Neuflise Vie hija kumpanija inkorporata skont il-liġijiet ta' Franza, u bħalissa hija kkontrollata b'mod konġunt minn ABN Amro Bank N.V. u l-AXA Group. Neuflise Vie hija attiva fil-provvista ta' prodotti ta' assigurazzjoni tal-ħajja fi Franza.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]), jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi speċifikata dejjem:

M.11659 - BNPP CARDIF / NEUFLIZE VIE

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Indirizz elettroniku: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË